Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Antonello Grech)

vs

Nazju Sultana

Seduta tal-lum 26 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Nazju Sultana ta' 55 sena, bin Manwel u Guza nee' Zammit, karta tal-identita' numru 94145(G), kif riportati a fol wiehed tal-process bil-mod segwenti:

> Billi inti akkuzat talli f'Victoria, Ghawdex fil-24 ta' Awissu, 1999, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qera, ingann, jew billi urejt haga

ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh li jammonta ghal iktar minn hamsin lira izda mhux aktar minn hames mitt lira, bi hsara ta' Victor u Anne Cauchi;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamilt qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, liema hsara tammonta ghalp-iktar minn hamsin lira izda mhux aktar minn hames mitt lira.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (3) sabiex l-imputat ikun iggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 1999;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet ukoll ir-rinunzja tal-kwerelanti minkejja li din il-kawza mhix rinunzjabbli;

Ikkunsidrat illi din il-Qorti semghet kif l-imputat, fil-kapacita' tieghu ta' negozjant fil-gojjellerijia kien biegh oggett partikolari lill-konjugi Cauchi. Din kienet labbra tad-deheb forma ta' gremxula miksija bi djamanti rosa u l-kwerelanti kien ftehmu li jhallsu s-somma ta' Lm900 lill-imputat li kien

infurmahom rreklama din il-labbra bhala wahda antika ta’ madwar 130 sena u li fi zmien kienet tappartjeni lil xi principessa Russa li kienet hargitha maghha qabel il-rivoluzzjoni tar-Russja.

L-kwerelanti kienu hallsu akkont s-somma ta’ Lm500 izda xahar wara irritornaw ghand l-imputat u infurmawh illi huma gabu stima tal-valur tal-labbra minghand zewg persuni li kienet bejn il-Lm200 u Lm250 u li din ma kienetx daqshekk antika. L-imputat ghalhekk accetta u kien irrifornda s-somma ta' Lm400 u halla mitt lira bilanc sakemm isib il-bejgh tal-labbra ghaliex irraguna, bi ftehim mal-kwerelanti, illi b’hekk kien tilef l-bejgh. Il-ftehim kien ukoll fis-sens illi jekk din tinbiegh, l-imputat kellu jirrifondi l-Lm100 rimmarrenti. Peress illi l-imputat kien dam xi ftit biex jirrifondi l-Lm100 kien sar ftehim li dan ghan ghandu jirrifondi Lm50 minnhom lill-kwerelanti izda gara illi l-labbra kienet elevata mill-Pulizija wara rapport mill-kwerelanti u l-imputat ghalhekk irrifjuta li jhallas l-Lm50.

L-imputat xehed illi huwa kien xtara l-labbra bl-istess kondizzjonijiet u deskrizzjoni li bejgh lill-kwerelanti. Wara li n-negozju bejn l-imputat u l-kwerelanti kien xolt, l-imputat kien ottjena stima hu minghand persuni ohra u stqarr illi hadd ma tah stima ta’ anqas minn Lm900 bhala fattura ta’ l-oggett eskluz id-djamanti rosa u ghalhekk irraguna illi ma kienx qieghed fil-hazin. Listqarrija li rrilazzja l-imputat a tempo vergine hija kredibbli ghaliex tirrifletti is-sitwazzjoni odjerna.

Dwar ir-responsabilita` kriminali irid jinghad illi din il-kawza taggira fuq talba ghal-rifuzzjoni ta’ Lm50. Il-bejgh bejn il-partijiet fl-ammont ta’ Lm900 kien minnhom xolt precedentement ghal-ftehim ta’ rifuzzjoni ta’

Lm50 li baqghu pendenti. Inoltre irid jinghad illli dan kien negozju normali u l-kwerelanti kienu lemhu il-labbra fil-vettrina tal-hanut tal-imputat b'deskrizzjoni maghha. Dawk il-kondizzjonijiet kienu l-istess kondizzjonijiet li xtara bihom l-imputat. U sa hawn gia hemm doza sinifikanti ta' kwistjoni civili milli wahda kriminali. Inoltre, f'din l-awla ma ngiebet l'ebda prova li l-labbra mertu tal-kaz ma tiswiex kemm jghid li tiswa l-imputat. Id-dokument a fol. 22 jghid illi l-oggett hemm deskritt jiswa Lm450, izda din hija xhieda ex parte u ma fija l-ebda valur inkriminanti. L-espert nominat mmill-Qorti ma setghex jaccetta l-inkarigu biex jaghmel stima tal-oggett f'dak l-istadju l-kwerelanti iddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghall-kwerela wara ftehim ma' l-imputat li taghhom il-Lm50 miftiehma u ghalhekk wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi;

Ghal dawn il-mottivi, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur